



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0416/2023**

7.12.2023

# **RAPPORT**

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar  
indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel  
(2023/2081(INI))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Tilly Metz

**WERREJ**

	<b>Paġna</b>
NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET .....	3
ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	5
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	6
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	17
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	19

## NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET

Fil-15 ta' Ġunju 2023, ir-rapporteur ingħatat l-inkarigu biex tipprepara rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel<sup>1</sup>.

Mind u nħatret, ir-rapporteur ġabret xi informazzjoni permezz ta' laqgħat mal-Kummissjoni, l-EFSA, l-EMA u partijiet ikkonċernati oħra u qagħdet fuq is-sorsi li ġejjin, fost oħrajn:

- dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SWD(2020)0096 - Evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel b'rabta mal-profilu nutrizzjonali u indikazzjonijiet dwar is-saħħa mogħtija fuq il-pjanti u l-preparazzjonijiet tagħhom u tal-qafas regolatorju ġenerali għall-użu tagħhom fl-ikel;
- studju mis-servizzi tal-EPRS dwar Indikazzjonijiet tas-Saħħa mogħtija fuq l-ikel: sejbiet dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, Awwissu 2023;

ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 (l-NHCR) japplika għall-indikazzjonijiet volontarji dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel u s-supplimenti tal-ikel fil-komunikazzjonijiet kummerċjali kollha, inklużi t-tikkettar, il-preżentazzjoni u r-reklamar ta' prodotti. Ilu fis-seħħ għal aktar minn 15-il sena u għen b'mod sinifikanti biex il-konsumaturi jkunu protetti minn indikazzjonijiet foloz u qarrieqa dwar is-saħħa u n-nutrizzjoni mogħtija fuq l-ikel. Madankollu, il-konsumaturi jibqgħu esposti għal indikazzjonijiet mhux awtorizzati mogħtija fuq l-ikel u s-supplimenti tal-ikel u s-suq għadu frammentat sa ċertu punt.

Fir-rapport tagħha ta' evalwazzjoni tal-2020 tal-NHCR, il-Kummissjoni Ewropea enfasizzat żewġ aspetti prinċipali li għadhom iridu jiġu implimentati kompletament: L-iffissar ta' profili nutrizzjonali biex jitnaqqas l-użu ta' indikazzjonijiet mogħtija fuq l-ikel b'livell għoli ta' xaħam, zokkor u/jew melħ, u l-qafas xjentifiku u regolatorju għal indikazzjonijiet mogħtija fuq sustanzi tal-pjanti (erbali) fl-ikel.

L-iffissar ta' profili nutrizzjonali kien previst mill-NHCR bħala parti ewlenija tal-implimentazzjoni tiegħu u fl-2008, l-EFSA tat l-ewwel opinjoni tagħha dwar l-iffissar ta' profili nutrizzjonali għal ikel li juru indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa. Fil-kuntest tal-istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt u r-reviżjoni ppjanata tar-regolamentazzjoni tal-UE dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, tħabbret proposta leġiżlattiva għall-istabbiliment ta' profili nutrizzjonali mill-Kummissjoni fl-2022, iżda għadha ma ġietx ippreżentata.

Fl-2012, il-Kummissjoni stabbiliet lista "pendenti" ta' aktar minn 2,000 indikazzjoni dwar is-saħħa b'rabta ma' sustanzi erbali. L-EFSA kienet preċedentement issospendiet l-opinjoni kollha dwar l-indikazzjonijiet dwar is-sustanzi erbali, prinċipalment minħabba nuqqas ta' studji ta' intervent uman. Fl-ambitu tal-miżuri tranżizzjonali stabbiliti fl-NHCR, l-indikazzjonijiet "pendenti" dwar is-saħħa – kemm dawk evalwati b'mod negattiv kif ukoll

---

<sup>1</sup> ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.

dawk li għadhom ma ġewx eżaminati – jistgħu xorta jintużaw f'konformità mal-prinċipji ġenerali tal-NHCR u r-regoli nazzjonali rilevanti, sakemm tittieħed deċiżjoni dwar il-lista “pendenti”. L-istatus quo hu potenzjalment ta' dannu għall-konsumaturi, li jistgħu jassumu b'mod żbaljat li dawn l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa ġew evalwati kif suppost, huma ta' detriment għall-innovazzjoni, peress li l-inċertezza kkawżata mir-reġim tranżizzjonali fit-tul tiddiswadi milli jsiru investimenti fit-tul u toħloq kompetizzjoni inġusta fost l-operaturi ta' negozju tal-ikel li jħabbtu wiċċhom ma' dispożizzjonijiet nazzjonali differenti.

Triq possibbli 'l quddiem tista' tkun l-esplorazzjoni tal-kunċett ta' data “tradizzjonali” bħala konferma ta' indikazzjonijiet mogħtija fuq l-ikel erbali. Ir-reviżjonijiet tad-data li għamlet l-EMA għall-awtorizzazzjoni tal-Prodotti Medċinali Erbali Tradizzjonali jistgħu jservu bħala punt ta' referenza. Marbuta mill-qrib mal-kwistjoni tas-sostanzjament tal-indikazzjonijiet mogħtija fuq is-sustanzi erbali hemm il-kwistjoni tas-sikurezza tagħhom. Il-fatt li attwalment ma hemmx lista komuni ta' sustanzi erbali permessi u użati fl-ikel fost l-Istati Membri u n-nuqqas ta' sistema ta' monitoraġġ fuq livell tal-Unjoni Ewropea għall-effetti negattivi tas-supplimenti erbali u dawk tal-ikel inġenerali għandu jiġi indirizzat b'mod urġenti.

Fir-rigward tal-infurzar tal-NHCR, il-kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri u l-gwida aġġornata pprovdata mill-Kummissjoni Ewropea dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-prattiċi kummerċjali użati għall-evitar mal-NHCR ikunu utli. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-isfidi ta' infurzar fid-dominju online. Mindu ġie adottat l-NHCR fl-2006, il-bejgħ bl-internet u r-reklamar tal-ikel u s-supplimenti tal-ikel fuq il-media soċjali żdiedu b'mod drammatiku u għadhom fil-biċċa l-kbira mhux regolati.

**ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR IRĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

<b>Entita u/jew persuna</b>
L-Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumaturi
In-Network Ewropew tal-Qalb
L-Alleanza Ewropea tas-Saħħa Pubblika
Is-Soċjetà Ewropea tal-Kardjoloġija
Il-Federazzjoni Internazzjonali tad-Dijabete Reġjun Ewropew
L-Alleanza għall-Mard Kroniku
Foodwatch
Safe Food Advocacy Europe
Il-Kummissjoni Ewropea, DG SANTE, Unità SANTE.A.1
L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel
L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### **dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel (2023/2081(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikoli 168 u 169 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru

---

<sup>1</sup> ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.

<sup>2</sup> ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18.

<sup>4</sup> ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51.

<sup>5</sup> ĠU L 404, 30.12.2006, p. 26.

953/2009<sup>6</sup>,

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali)<sup>7</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-programm l-UE għas-Saħħa) għall-perjodu 2021-2027, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014<sup>8</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar l-istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent<sup>9</sup>,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 intitolata “Strateġija ‘Mill-Għalqa sal-Platt’ – għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent” (COM(2020)0381),
- wara li kkunsidra d-Dokument ta' Hídma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 intitolat “Sommarju eżekuttiv tal-evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel b'rabta mal-profilu nutrizzjonali u indikazzjonijiet dwar is-saħħa mogħtija fuq il-pjanti u l-preparazzjonijiet tagħhom u tal-qafas regolatorju ġenerali għall-użu tagħhom fl-ikel” (SWD(2020)0096),
- wara li kkunsidra l-opinjoni xjentifika tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) tal-15 ta' Diċembru 2021 intitolata “Tolerable upper level for dietary sugars” (Livell massimu tollerabbli tal-konsum għaz-zokkor djetetiku)<sup>10</sup>,
- wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tad-WHO tal-2022 intitolata “Nutrition labelling: policy brief” (It-tikkettar tan-nutrizzjoni: sommarju tal-politika)<sup>11</sup>,
- wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tad-WHO tal-2019 intitolata “Guiding principles and framework manual for front-of-pack labelling for promoting healthy diets” (Il-prinċipji gwida u l-manwal qafas għat-tikkettar fuq quddiem tal-pakkett għall-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa)<sup>12</sup>,
- wara li kkunsidra t-tielet Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, li huwa biex jiġu żgurati ħajjiet f' saħħithom u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f' kull età,

---

<sup>6</sup> ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35.

<sup>7</sup> ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1.

<sup>8</sup> ĠU L 107, 26.3.2021, p. 1.

<sup>9</sup> ĠU C 184, 5.5.2022, p. 2.

<sup>10</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, “Tolerable upper intake level for dietary sugars” (Livell massimu tollerabbli tal-konsum għaz-zokkor djetetiku), *EFSA Journal*, Volum 20, Harga 2, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, 15 ta' Diċembru 2021.

<sup>11</sup> Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, *Nutrition labelling: policy brief* (It-tikkettar tan-nutrizzjoni: sommarju tal-politika), Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, Ġinevra, 2022.

<sup>12</sup> Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, *Guiding principles and framework manual for front-of-pack labelling for promoting healthy diets* (Il-prinċipji gwida u l-manwal qafas għat-tikkettar fuq quddiem tal-pakkett għall-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa), Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, Ġinevra, 2019.

- wara li kkunsidra r-rapport tal-UNICEF ta’ Diċembru 2013 intitolat “Children’s Rights in Impact Assessments – A guide for integrating children’s rights into impact assessments and taking action for children” (Id-Drittijiet tat-Tfal fil-Valutazzjonijiet tal-Impatt – Gwida biex id-drittijiet tat-tfal jiġu integrati fil-valutazzjonijiet tal-impatt u biex tittieħed azzjoni għat-tfal)<sup>13</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e), u l-Anness 3 tad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta’ Diċembru 2002 dwar il-proċedura għall-għoti ta’ awtorizzazzjoni għat-tfassil ta’ rapporti b’inizjattiva proprja,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0416/2023),
- A. billi r-Regolament (KE) Nru 1924/2006 (ir-Regolament dwar l-Indikazzjonijiet dwar in-Nutrizzjoni u s-Saħħa, jew l-NHCR) ġie introdott bl-għan li jiżgura l-ogħla livell possibbli ta’ protezzjoni tal-konsumatur u jiffaċilita l-għażliet tal-konsumaturi; billi l-NHCR japplika għall-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel fil-komunikazzjonijiet kummerċjali kollha, inklużi t-tikkettar u r-reklamar, kif ukoll il-komunikazzjonijiet indirizzati lill-professjonisti tas-saħħa<sup>14</sup>; billi l-Kummissjoni tapprova l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa bbażati fuq evidenza xjentifika u li jinftiehm mill-konsumaturi wara valutazzjoni xjentifika tal-indikazzjonijiet pprovduta mill-EFSA;
- B. billi l-indikazzjonijiet jistgħu jiġu kkattegorizzati bħala “indikazzjonijiet ta’ saħħa”, “indikazzjonijiet dwar it-tnaqqis tar-riskju” jew “indikazzjonijiet li jirreferu għall-iżvilupp tat-tfal”; billi f’Lulju 2023, ġew awtorizzati 269 indikazzjoni dwar is-saħħa għall-użu fl-UE; billi indikazzjonijiet li jirreferu għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal fit-tikkettar tal-ikel jistgħu jiġu awtorizzati f’konformità mal-proċeduri u r-rekwiżiti stabbiliti mill-NHCR;
- C. billi mill-inqas 18 % tal-prodotti l-ġodda li jidħlu fis-suq tal-ikel u tax-xorb tal-Unjoni Ewropea jkollhom indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa u hu stmat li kwart tal-ikel kollu disponibbli fis-suq tal-Unjoni Ewropea juri indikazzjonijiet bħal dawn<sup>15</sup>; billi, kif ġie spjegat fil-premessa 10 tal-NHCR, ikel promoss bl-indikazzjonijiet jista’ jiġi perċepit mill-konsumaturi bħala tali li jkollu vantaġġi nutrittivi, fiżjoloġiċi jew vantaġġi oħra tas-saħħa meta mqabbel ma’ prodotti simili jew oħrajn fejn tali nutrijenti u sustanzi oħrajn mhumiex miżjudi, u dan jaf iħeġġeġ lill-konsumaturi biex jagħmlu għażliet li jinfluwenzaw direttament id-dħul totali ta’ nutrijenti individwali jew sustanzi oħrajn b’mod li jaf imur kontra l-parir xjentifiku;
- D. billi skont l-Artikolu 13(3) tal-NHCR, il-Kummissjoni kellha tadotta lista Komunitarja

<sup>13</sup> UNICEF, *Children’s Rights in Impact Assessments – A guide for integrating children’s rights into impact assessments and taking action for children* (Id-Drittijiet tat-Tfal fil-Valutazzjonijiet tal-Impatt – Gwida biex id-drittijiet tat-tfal jiġu integrati fil-valutazzjonijiet tal-impatt u biex tittieħed azzjoni għat-tfal), UNICEF, Ġinevra, Diċembru 2013.

<sup>14</sup> Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta’ Lulju 2016, *Verband Sozialer Wettbewerb eV v Innova Vital GmbH*, C-19/15, ECLI:EU:C:2016:563.

<sup>15</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, *Final Report Summary – CLYMBOL (Role of health-related claims and symbols in consumer behaviour)* (Sommarju tar-Rapport Finali – CLYMBOL -Rwol tal-indikazzjonijiet relatati mas-saħħa u simboli fl-imġiba tal-konsumaturi), 8 ta’ Marzu 2017.



ta' indikazzjonijiet permessi sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2010;

- E. billi l-preżenza ta' indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa jaffettwaw l-għażliet tal-konsumaturi dwar l-ikel, kif ukoll karatteristiċi oħra bħall-prezz, il-marka, il-kulur u l-forma tal-imballaġġ; billi l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa, speċjalment l-indikazzjonijiet dwar it-tnaqqis tar-riskju, għandhom impatt ikbar fuq l-attitudnijiet tal-konsumaturi mill-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni<sup>16</sup>; billi l-fehim tal-konsumaturi dwar l-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa huwa influwenzat minn fatturi varji, inklużi l-livelli ta' għarfien u ta' edukazzjoni nutrizzjonali, u dan għandu jittqies sabiex tiġi ffaċilitata l-bidla għal dieti aktar tajbin għas-saħħa u tiġi stimolata r-riformulazzjoni tal-ikel; billi madankollu, l-għoti ta' informazzjoni, l-edukazzjoni u l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni waħedhom mhumiex biżżejjed biex tinkiseb il-bidla meħtieġa għal għażliet tal-konsumatur aktar sostenibbli u tajbin għas-saħħa, peress li dawn jistgħu jiġu influwenzati minn elementi ewlenin oħra tal-ambjenti tal-ikel, bħall-aċċessibbiltà tal-prezzijiet, il-kummerċjalizzazzjoni u d-disponibbiltà;
- F. billi l-NHCR ta mandat lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi profili nutrizzjonali għal ikel jew għal kategoriji speċifiċi tal-ikel sad-19 ta' Jannar 2009; billi l-profilu nutrizzjonali għadhom iridu jiġu stabbiliti fil-prattika; billi, fl-2020 ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-NHCR afferma mill-ġdid il-ħtieġa li jiġu żviluppati profili nutrizzjonali li jservu ta' għodda għall-protezzjoni tal-konsumaturi kontra l-esponiment għall-ikel li juri indikazzjonijiet dwar is-saħħa b'kompożizzjoni nutrittiva fqira; billi l-istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt affermat mill-ġdid li l-profilu nutrizzjonali jenħtieġu jiġu stabbiliti sabiex ikunu ristretti l-kummerċjalizzazzjoni u l-promozzjoni ta' ikel mhux tajjeb għas-saħħa permezz ta' indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa;
- G. billi, fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-2021 dwar l-istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt, il-Parlament espliċitament laqa' l-aħbar ta' proposta leġislattiva li tistabbilixxi profili nutrizzjonali sabiex tipprojbixxi l-użu ta' indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq ikel b'livell għoli ta' xaħam, zokkor u/jew melħ u ikel ġeneralment mhux tajjeb għas-saħħa u talab li tingħata attenzjoni partikolari lill-ikel għat-tfal u ikel ieħor bi skop speċjali;
- H. billi l-konsumaturi għadhom jiġu esposti għall-indikazzjonijiet pożittivi dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq ikel b'livell għoli ta' xaħam, melħ jew zokkor, li hu inkompatibbli mal-oġettiv ta' protezzjoni tal-konsumaturi ta' livell għoli;
- I. billi problemi ta' piż żejjed u tal-obeżità qed jiżdiedu b'mod mgħaġġel fil-parti l-kbira tal-Istati Membri fejn aktar minn nofs l-adulti Ewropej u terz tat-tfal għandhom piż żejjed jew ibatu mill-obeżità<sup>17</sup>; billi l-piż żejjed u l-obeżità fit-tfulija qed iżidu l-isfidi globali tas-saħħa pubblika; billi hemm biżżejjed evidenza li l-obeżità fit-tfal hija influwenzata mill-kummerċjalizzazzjoni ta' ikel b'kontenut għoli ta' xaħam, melħ u zokkor, iżda t-tfal għadhom esposti għal livelli għoljin ta' tali kummerċjalizzazzjoni, li

<sup>16</sup> Pichierri, M. et al., "The interplay between health claim type and individual regulatory focus in determining consumers' intentions toward extra-virgin olive oil" (L-interazzjoni bejn it-tip ta' indikazzjoni tas-saħħa u l-fokus regolatorju individwali fid-determinazzjoni tal-intenzjonijiet tal-konsumaturi lejn iż-żejt taż-żebbuġa ekstra verġni), *Food Research International*, Volum 136, l-Artikolu 109467, Elsevier, Ottubru 2020.

<sup>17</sup> Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, [WHO European Regional Obesity Report 2022](#) (Rapport tal-2022 dwar l-Obeżità Reġjonali Ewropea tad-WHO), Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, Ġinevra, 2022.

tuża tekniki qawwiya u persważivi, fosthom l-użu dejjem akbar ta' mezzi diġitali;

- J. billi dieti mhux tajbin għas-saħħa li fihom ħafna melħ, zokkor u xaħam, inklużi xaħmijiet saturati u aċidu xaħmi trans, huma fattur ta' riskju ewlieni għall-mard u l-mortalità fl-Ewropa u, skont id-WHO, jikkawżaw 8 miljun mewta prematura kull sena; billi mewta minn kull ħamsa fl-2017 kienu attribwibbli għal dieti mhux tajbin għas-saħħa, prinċipalment minħabba mard kardjovaskulari u kanċer; billi hija meħtieġa enfasi aktar b'saħħitha fuq il-prevenzjoni tal-mard;
- K. billi fir-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2022 dwar it-tisħiħ tal-Ewropa fil-ġlieda kontra l-kanċer – lejn strateġija komprensiva u koordinata<sup>18</sup>, il-Parlament saħaq fuq ir-rwol ta' dieti tajbin għas-saħħa fil-prevenzjoni u fil-limitazzjoni tal-inċidenza tal-kanċer;
- L. billi l-EFSA ma setax jistabbilixxi livell sikur ta' konsum ta' zokkor ħieles u miżjud minħabba li “r-riskju ta' effetti negattivi fuq is-saħħa (rispons) żdied fil-firxa kollha tal-livelli ta' konsum (dożi) osservati b'mod kostanti (lineari), jiġifieri aktar ma jkun kbir il-konsum, akbar ikun ir-riskju ta' effetti negattivi”<sup>19</sup>; billi l-Aġenzija għar-Riċerka dwar il-Kanċer tad-WHO kklassifikat id-dolċifikant aspartame bħala possibbilment karċinoġeniku għall-bnedmin; billi rieżami sistematiku mid-WHO jissuġġerixxi li d-dolċifikanti mhux taz-zokkor jistgħu jkunu marbuta ma' riskju akbar ta' dijabete tat-tip 2, mard kardjovaskulari, mortalità għal kull kawża u żieda fil-piż tal-ġisem; billi dieti aktar tajbin għas-saħħa li jinkludu żieda fil-konsum ta' ikel ibbażat fuq il-pjanti, bħal frott u ħxejjex friski, qmuħ sħaħ u legumi, u jevitaw il-konsum żejjed ta' laħam u prodotti ultraproċessati jikkontribwixxu għal saħħa aħjar, inaqqsu l-mortalità minn mard li ma jitteħidx relatat mad-dieta u jgħibu benefiċċji ambjentali;
- M. billi għodod tal-informazzjoni effettivi, bħat-tikkettar nutrizzjonali fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett, jappoġġjaw liċ-ċittadini biex jagħmlu għażliet tal-ikel aktar tajbin għas-saħħa u jevitaw il-konsum mhux tajjeb għas-saħħa ta' ikel b'livell għoli ta' melħ, xaħam u zokkor; billi l-Parlament appoġġja l-adozzjoni ta' tali tikketta fir-risoluzzjoni fuq inizjattiva proprja tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar l-istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt, li fiha stieden lill-Kummissjoni tiżgura tikkettar nutrizzjonali obbligatorju u armonizzat tal-UE fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett ibbażat fuq evidenza xjentifika u wera fehim tal-konsumatur biex jappoġġja informazzjoni preċiża dwar l-ikel u alternattivi aktar tajbin għas-saħħa;
- N. billi, fl-2012, il-Kummissjoni stabbiliet lista “pendenti” ta' 2 078 indikazzjoni dwar is-saħħa fir-rigward tas-sustanzi tal-pjanti, prinċipalment minħabba n-nuqqas ta' studji ta' intervent uman, li wassal għas-sospensjoni tal-proċedura ta' evalwazzjoni u ta' awtorizzazzjoni tal-EFSA fl-2010; billi l-indikazzjonijiet “pendenti” dwar is-saħħa – kemm dawk evalwati b'mod negattiv kif ukoll dawk li għadhom ma ġewx riveduti – jistgħu jibqgħu jintużaw fis-suq tal-UE skont il-miżuri tranżizzjonali stabbiliti fl-NHCR, sakemm tittieħed deċiżjoni dwar il-lista “pendenti”;
- O. billi fl-2020, il-Kummissjoni kkonkludiet fir-rapport ta' evalwazzjoni tagħha dwar l-

<sup>18</sup> ĠU C 342, 6.9.2022, p. 109.

<sup>19</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, *EFSA explains draft scientific opinion on a tolerable upper intake level for dietary sugars* (L-EFSA tispjega abbozz ta' opinjoni xjentifika dwar livell massimu tollerabbli ta' konsum għaz-zokkor fid-dieta), L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, 2021.

NHCR li l-konsumaturi għadhom esposti għal indikazzjonijiet dwar is-saħħa fuq is-sustanzi erbali b'livelli differenti ta' valutazzjoni xjentifika, inklużi indikazzjonijiet dwar is-saħħa mhux sostanzjali li għalihom jistgħu jemmnu li l-effetti ta' benefiċċju ddikjarati ġew evalwati xjentifikament meta dan ma jkunx il-każ;

- P. billi aktar koordinazzjoni dwar il-qafas ta' sikurezza għas-sustanzi erbali tista' tikkontribwixxi għat-titjib tal-protezzjoni tal-konsumatur;
- Q. billi l-leġislazzjoni fuq is-sustanzi erbali fl-ikel u s-supplimenti tal-ikel mhijiex armonizzata fil-livell tal-UE; billi l-Istati Membri jew għandhom listi pożittivi jew listi negattivi jew l-ebda lista ta' sustanzi erbali permessi fl-ikel; billi l-klassifikazzjoni tas-sustanzi erbali bħala ikel jew mediċina taqa' fl-ambitu tal-kompetenza ta' kull Stat Membru individwali; billi l-għan ta' prodott mediċinali huwa li jikkura jew jipprevjeni mard fil-bnedmin u s-supplimenti tal-ikel huma maħsuba għal konsumaturi li ma għandhomx bżonnijiet mediċi immedjati; billi għalhekk huwa importanti li tinżamm distinzjoni ċara bejn l-ikel u l-mediċina;
- R. billi l-mediċini erbali jridu jgħaddu minn proċeduri ta' awtorizzazzjoni qabel ma jkunu introdotti fis-suq tal-UE, li jeħtieġ it-turija tas-sikurezza u tal-effikaċja tal-prodott u jridu jissodisfaw rekwiżiti legali addizzjonali f'oqsma bħall-valutazzjonijiet tal-kwalità, il-farmakoviġilanza u l-konformità tal-prattika tajba tal-manifattura; billi l-mediċini erbali li ilhom 30 sena jintużaw b'mod sikur, inkluż 15-il sena fl-UE, jistgħu jużaw proċedura ta' reġistrazzjoni simplifikata għall-prodotti mediċinali u erbali tradizzjonali, fejn data "tradizzjonali" hija aċċettata biex tissostanzja s-sikurezza u l-effikaċja tal-prodott;
- S. billi l-infurzar tal-NHCR fir-rigward tal-indikazzjonijiet fuq is-sustanzi erbali ddewwem b'mod sostanzjali; billi l-oġettiv tal-NHCR li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur jirrikjedi azzjoni rapida mill-Kummissjoni biex jew tinforza bis-sħiħ jew tirrevedi l-NHCR, peress li mhuwiex adattat għall-iskop tiegħu f'ċerti aspetti;
- T. billi l-Istati Membri huma responsabbli biex jinfurzaw l-NHCR fi ħdan il-ġurisdizzjonijiet tagħhom; billi l-Istati Membri huma obbligati li japplikaw il-prinċipju tar-rikonossiment reċiproku; billi minħabba differenzi fl-interpretazzjoni u diskrepanzi fl-infurzar bejn l-Istati Membri, l-azzjonijiet ta' infurzar wara l-użu mhux korrett tal-indikazzjonijiet ivarjaw minn parir dwar kif jiġu aġġustati l-indikazzjonijiet għal multi għall-użu mhux korrett tagħhom;
- U. billi l-media soċjali tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għar-reklamar u l-bejgħ tal-ikel u tas-supplimenti tal-ikel, filwaqt li l-punt sa fejn l-NHCR jirregola l-komunikazzjonijiet online relatati mas-saħħa dwar l-ikel għadu mhux ċar; billi l-komunikazzjonijiet ta' influwenzaturi jew ċelebritajiet fuq il-media soċjali mhumiex dejjem kummerċjali jew mhux kummerċjali b'mod ċar<sup>20</sup> u jistgħu jwasslu għal indikazzjonijiet dwar prodotti tal-ikel li mhumiex ivverifikati, foloz u qarrieqa, pereżempju fir-rigward tar-reklamar tal-

---

<sup>20</sup> Ashwell, M. et al., "Nature of the evidence base and strengths, challenges and recommendations in the area of nutrition and health claims: a position paper from the Academy of Nutrition Sciences" (In-natura tal-baži ta' evidenza u l-punti b'saħħithom, l-isfidi u r-rakkomandazzjonijiet fil-qasam tal-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa: dokument ta' pożizzjoni mill-Akkademja tax-Xjenzi tan-Nutrizzjoni), *British Journal of Nutrition*, Volum 130, Hargha 2, 28 ta' Lulju 2023, pp. 221-238.

proteina u supplimenti oħra biex il-muskoli jikbru aħjar;

1. Jinnota li l-objettiv prinċipali tal-NHCR hu li jiżgura li l-indikazzjonijiet mogħtija fuq l-ikel ikunu bbażati fuq evidenza xjentifika ġeneralment aċċettata u li jkunu mistennija li jinftieħmu mill-konsumatur medju; jissottolinja li, fil-prattika, għadhom jiġu rrapportati indikazzjonijiet qarrieqa fil-bejgħ tal-ikel online u f'dak wiċċ imb wiċċ;
2. Jindika żieda fl-interess tal-konsumatur fl-informazzjoni dwar l-ikel<sup>21</sup>; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar il-valuri nutrizzjonali jew dwar is-saħħa mogħtija fuq l-ikel li tidher fuq it-tikketti u li tintuża għall-finijiet tal-preżentazzjoni, tal-kummerċjalizzazzjoni u tar-reklamar tkun preċiża, ibbażata fuq ix-xjenza u tagħmel sens; jitlob li l-lista ta' indikazzjonijiet awtorizzati dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa fuq l-ikel tiġi aġġornata regolarment, skont l-iżviluppi xjentifiċi fl-oqsma tal-ikel u n-nutrizzjoni;
3. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa jibqgħu allinjati mal-politiki u l-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea dwar is-saħħa; jafferma mill-ġdid l-importanza tad-diskrezzjoni tal-Kummissjoni li ma tawtorizzax l-indikazzjonijiet meta dawn jistgħu jirriżultaw f'messaġġi kunfliġġenti u konfużi lill-konsumaturi<sup>22</sup>;

#### ***Kunsiderazzjonijiet tal-profilu nutrizzjonali f'evalwazzjonijiet ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa***

4. Ifakkar li, skont l-Artikolu 4 tal-NHCR, il-Kummissjoni kellha tistabbilixxi profili nutrizzjonali sabiex tillimita l-użu tal-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq ikel b'livell għoli ta' xaħam, zokkor u/jew melħ sad-19 ta' Jannar 2009; jiddispjaċi mill-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-profilu nutrizzjonali għadha ma ġietx ippreżentata, minkejja li hi skedata għall-2022 bħala parti mir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-informazzjoni dwar l-ikel għall-konsumaturi; jinsisti li l-istabbiliment ta' profili nutrizzjonali b'limiti ta' nutrijenti speċifiċi għall-użu ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa u n-nutrizzjoni, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-NHCR, jibqa' pertinenti u meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tal-NHCR;
5. Ifakkar li l-indikazzjonijiet ma għandhomx iqarrqu bil-konsumaturi dwar il-valur nutrizzjonali veru tal-prodott; jenfasizza li, fin-nuqqas ta' profili nutrizzjonali, l-indikazzjonijiet jistgħu jisħqu fuq aspekt pożittiv ta' prodott ġeneralment mhux tajjeb għas-saħħa jew prodott li jaqbeż il-limiti għal nutrijenti speċifiċi, bħax-xaħam, iz-zokkor u l-melħ; jindika li ħafna prodotti tal-ikel, inklużi wħud kummerċjalizzati lejn it-tfal, ikomplu jużaw indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa, minkejja li għandhom livelli għolja ta' nutrijenti li jqajmu tħassib; jissottolinja li l-iżvilupp ta' profili nutrizzjonali speċifiċi, kif previst fl-Artikolu 4 tal-NHCR u skont l-objettivi tal-NHCR, huwa meħtieġ biex jiġi limitat l-użu ta' indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa fuq ikel b'kontenut għoli ta' xaħam, zokkor u/jew melħ; jissottolinja li l-profilu nutrizzjonali futuri, li għandhom ikunu bbażati fuq evidenza xjentifika robusta u indipendenti, jistgħu jgħinu lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati, tajbin għas-

<sup>21</sup> Unjoni Ewropea, "Eurobarometer – Making our food fit for the future – new trends and challenges" (Eurobarometru – Nagħmlu l-ikel tagħna adattat għall-futur – tendenzi u sfidi ġodda), Ottubru 2020.

<sup>22</sup> Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Ġunju 2017, *Dextro Energy GmbH & Co. KG v il-Kummissjoni Ewropea*, C-296/16, ECLI:EU:C:2017:437.

saħħa u sostenibbli dwar il-prodotti tal-ikel;

6. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' approċċ sistematiku u bbażat fuq l-evidenza biex jinħolqu ambjenti tal-ikel li jgħinu lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati u li jstimulaw bidla lejn dieti aktar tajbin għas-saħħa, inkluż żieda fil-konsum ta' ikel ibbażat fuq il-pjanti, bħal frott u ħaxix frisk, qmuħ sħaħ u legumi; iqis li, minbarra li jimplimentaw l-NHCR b' mod korrett, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinvestu aktar fl-edukazzjoni dwar l-ikel u n-nutrizzjoni, bħal kampanji ta' informazzjoni, permezz ta' programmi differenti, inkluż il-programm l-UE għas-Saħħa, b' mod partikolari billi jappoġġjaw azzjonijiet fl-iskejjel bl-għan li t-tfal u l-adolessenti jiġu mgħallma dwar dieti tajbin għas-saħħa u bbilanċjati; jenfasizza l-influenza tad-determinanti soċjali fil-litteriżmu tal-konsumaturi fir-rigward tal-indikazzjonijiet dwar l-ikel; jindika li l-għoti ta' informazzjoni, l-edukazzjoni u l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni waħedhom mhumiex biżżejjed biex jiżguraw għażliet tal-konsumatur infurmati u jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn politiki li jtejbu l-ambjenti tal-ikel;

### ***Informazzjoni għall-konsumaturi***

7. Jenfasizza li l-konsumaturi għandhom tendenza li jikkonsmaw aktar milli suppost daww il-prodotti tal-ikel li juru indikazzjonijiet li huma jippromwovu saħħa aħjar, dan hu magħruf bħala l-“effett halo”; jappoġġja l-inklużjoni tal-limitu fl-użu kemm minimu kif ukoll massimu fuq it-tikketti tal-prodotti tal-ikel u s-supplimenti tal-ikel kollha li jkollhom indikazzjonijiet dwar is-saħħa, flimkien ma' rakkomandazzjoni sabiex jiġi ikkonsultat professjonista tas-saħħa qabel ma jiġu kkonsmati supplimenti tal-ikel, b' mod partikolari sabiex jiġu evitati interazzjonijiet potenzjalment negattivi ma' trattamenti speċifiċi u sabiex jiġi evitat rinfurzar ta' disturbi potenzjali fil-konsum tal-ikel; jenfasizza li l-asimmetrija fl-informazzjoni hija mistennija li tippersisti, f' ambjent tal-ikel li qed jinbidel malajr u jitlob li tiġi ffinanzjata r-riċerka dwar kif il-konsumaturi jifhmu l-indikazzjonijiet;
8. Jiddispjaċih dwar id-dewmien tal-proposta għal reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi fir-rigward tal-iżvilupp ta' tikketti tan-nutrizzjoni fuq quddiem tal-pakkett, li wrew li huma effettivi biex jgħinu lill-konsumaturi jagħmlu għażliet ta' ikel u xorb aktar tajbin għas-saħħa; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu u jgħinu lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati, tajbin għas-saħħa u sostenibbli dwar il-prodotti tal-ikel permezz tal-adozzjoni, mill-aktar fis possibbli, ta' tikketta tal-UE obbligatorja u armonizzata fuq quddiem tal-pakkett dwar in-nutrizzjoni li tiġi żviluppata abbażi ta' evidenza xjentifika robusta u indipendenti u tal-fehim muri tal-konsumaturi; jinnota li l-istudji juru li l-effetti tal-ikel fuq is-saħħa ma jistgħux jiġu spjegati biss mill-kompożizzjoni nutrizzjonali, iżda wkoll mil-livell tal-ipproċessar, b' mod partikolari fil-każ ta' ikel ipproċessat ħafna; jisħaq, għalhekk, li l-inklużjoni ta' informazzjoni dwar l-ipproċessar tal-ikel fuq it-tikketti interpretattivi nutrizzjonali fuq quddiem tal-pakkett tista' tkun fl-interess tas-saħħa pubblika u tal-konsumaturi u tista' tkun effettiva biex tgħin lill-konsumaturi jagħmlu għażliet tal-ikel aktar tajbin għas-saħħa; jitlob għal miżuri regolatorji biex jitnaqqas il-piż li jpoġġi fuq is-saħħa pubblika l-ikel ipproċessat ħafna;

### ***Relevanza tal-indikazzjonijiet***

9. Jinnota li ħafna mill-indikazzjonijiet użati fis-suq tal-Unjoni Ewropea huma għan-nutrijenti li numru żgħir ta' konsumaturi Ewropej huma nieqsa minnhom fid-dieti tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-potenzjal leġiżlattiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel sabiex testendi l-kompetenza tagħha biex tinkludi l-valutazzjoni tal-relevanza tal-użu ta' indikazzjonijiet bħal dawn, minbarra li teżamina l-bażi xjentifika għal indikazzjonijiet bħal dawn; jappoġġja bis-sħiħ il-pubblikazzjoni kontinwa mill-EFSA ta' linji gwida speċifiċi skont l-użu ta' indikazzjoni;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-possibbiltà li tirrestrinġi l-użu tal-indikazzjoni permessa dwar in-nutrizzjoni “mingħajr zokkor miżjud” għal prodotti li fihom dolċifikanti jew livelli għoljin ta' zokkor liberu;
11. Jenfasizza li anke meta l-indikazzjonijiet dwar il-formula tat-trabi jkunu xjentifikament sostanzjati, bħall-indikazzjoni dwar is-saħħa “it-teħid tad-DHA jikkontribwixxi għall-iżvilupp normali viżwali ta' trabi sa 12-il xahar”, l-użu tagħhom għandu jevita li jinfluwenza l-għażliet tat-tmiġ tat-trabi u jillimita t-titjib fil-formula tat-trabi<sup>23</sup>;
12. Jappoġġja l-istabbiliment ta' konsultazzjonijiet minn qabel bejn il-manifatturi u l-EFSA biex l-EFSA tkun tista' tippreżenta l-aspettattivi tagħha fil-kuntest tas-sottomissjoni tat-talba għal indikazzjoni tagħhom, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-indipendenza tal-EFSA;

### ***Sustanzi erbali***

13. Jindika li n-nuqqas ta' armonizzazzjoni fuq livell ta' Unjoni Ewropea dwar il-klassifikazzjoni ta' sustanzi erbali jew bħala ikel jew bħala mediċina jfisser li sustanza erbali tista' tkun ttikkettata bħala “ikel” fi Stat Membru u bħala “mediċina” f'ieħor; jissottolinja li tali inkonsistenzi jgħolqu sfidi għall-manifatturi u r-regolaturi u għandhom il-potenzjal li jaffettwaw b'mod negattiv is-sikurezza u l-benesseri tal-konsumaturi, peress li huwa diffiċli għall-konsumaturi li jiddistingwu bejn mediċini erbali tradizzjonali u supplimenti tal-ikel erbali bbażati fuq l-istess sustanza/i tal-pjanti, li jista' jwassal għal nuqqas ta' fehim dwar l-użu tagħhom;
14. Jindika n-nuqqas ta' lista negattiva jew pożittiva tal-UE ta' sustanzi erbali użati fl-ikel u fis-supplimenti tal-ikel, kif ukoll in-nuqqas ta' lista komprensiva tal-benefiċċji jew l-effetti negattivi fuq is-saħħa tas-sustanzi erbali li jirriżulta f' disparitajiet leġiżlattivi fost l-Istati Membri, fi frammentazzjoni tas-suq u fi prodotti potenzjalment mhux sikuri li jaslu għand il-konsumaturi;
15. Ma japprovax mis-sospensjoni kontinwa tal-evalwazzjoni ta' indikazzjonijiet dwar is-sustanzi erbali u jindika li hemm tħassib legali sinifikanti dwar l-użu kontinwu tal-indikazzjonijiet “pendenti” skont il-miżuri tranżizzjonali tal-NHCR; jenfasizza l-ħtieġa imperattiva li tiġi indirizzata l-lista “pendenti” ta' indikazzjonijiet fuq is-sustanzi erbali

---

<sup>23</sup> Munblit, D. et al., “Health and nutrition claims for infant formula are poorly substantiated and potentially harmful” (Indikazzjonijiet dwar is-sahha u n-nutrizzjoni għall-formula tat-trabi huma sostanzjati ħazin u potenzjalment ta' hsara), *British Medical Journal*, Volum 369, l-Artikolu 875, 2020, u Cheung, K.Y., et al., “Health and nutrition claims for infant formula: international cross sectional survey” (Indikazzjonijiet dwar is-sahha u n-nutrizzjoni għall-formula tat-trabi: stħarriġ trażversali internazzjonali), *British Medical Journal*, Volum 380, Hargha 8371, 2023.

billi ssir evalwazzjoni ulterjuri ta' dawn l-indikazzjonijiet bħala miżura meħtieġa b'mod urġenti għall-protezzjoni tal-konsumatur, kif identifikat mir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-2020 dwar l-NHCR; jinsab imħasseb ħafna li l-użu kontinwu tal-indikazzjonijiet "pendenti" fl-ambitu tal-miżuri tranżizzjonali tal-NHCR jista' jqarraq lill-konsumaturi u jikkostitwixxi riskju għas-saħħa għalihom, billi huma jistgħu jassumu b'mod żbaljat li l-indikazzjonijiet "pendenti" ġew evalwati xjentifikament u li r-riskju tagħhom huwa mmaniġġjat;

16. Iqis li huwa essenzjali li l-EFSA u l-Kummissjoni jirvedu minnufih, skont id-dispożizzjonijiet tal-NHCR, l-indikazzjonijiet tas-saħħa "pendenti" relatati mas-sustanzi erbali fl-ikel; jistieden lill-Kummissjoni tirrifjuta daww l-indikazzjonijiet mil-lista "pendenti" li diġà ġew ivvalutati b'mod negattiv;
17. Ihegġegħ l-Istati Membri sabiex jikkollaboraw b'mod effettiv sabiex jiġi stabbilit approċċ koordinat fuq is-supplimenti tal-ikel erbali u jistieden lill-Kummissjoni ttiprovda gwida f'dan ir-rigward; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu, mingħajr dewmien, lista negattiva fil-livell tal-UE ta' sustanzi erbali użati fl-ikel skont it-tossiċità tagħhom jew l-effetti negattivi fuq is-saħħa li diġà ġew identifikati fl-Istati Membri;

### ***Infurzar***

18. Jistieden lill-Kummissjoni ttiprovdi gwida aġġornata dwar kif tittratta prattiċi tal-kummerċjalizzazzjoni użati għall-evitar tal-NHCR;
19. Jitlob li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jistabbilixxu network ta' għarfien bil-għan li jappoġġja l-grupp ta' ħidma dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa; jindika li dan in-network għandu jgħin biex jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiċi, inaqqas id-differenzi fl-interpretazzjoni fost l-Istati Membri u jindirizza d-differenzi fl-infurzar;

### ***Indikazzjonijiet dwar is-saħha f'komunikazzjonijiet online***

20. Jenfasizza li l-NHCR ġie adottat fi żmien meta l-media soċjali kien għad ma kellhiex sehem daqstant importanti fir-reklamar u l-bejgħ tal-ikel u s-supplimenti tal-ikel; imħasseb li l-punt sa fejn l-NHCR jikkontrolla b'mod effettiv il-komunikazzjonijiet online relatati mas-saħħa dwar l-ikel għadu mhux ċar;
21. Jinsab imħasseb dwar il-preżenza online ta' indikazzjonijiet mhux awtorizzati u qarrieqa dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa; jisħaq fuq il-ħtieġa li jassigura li l-NHCR jibqa' relevanti fl-ambjent online, speċjalment minħabba li ċerti gruppi vulnerabbli, bħat-tfal u l-adolexxenti, jistgħu jkunu partikolarment sensittivi għal ċerti indikazzjonijiet dwar is-saħħa u għal informazzjoni dwar l-ikel kondiviża fuq il-media soċjali, u dan jirrappreżenta riskju għas-saħħa fiżika u mentali tagħhom; iqis li huwa importanti, f'dan ir-rigward, li jiġi definit dak li jikkostitwixxi l-komunikazzjoni kummerċjali dwar l-ikel u s-supplimenti tal-ikel fuq il-media soċjali;
22. Jitlob li tingħata attenzjoni mġedda biex jinkiseb approċċ effettiv u mifrux mal-UE kollha biex jiġi indirizzat l-esponiment tat-tfal u tal-adolexxenti għar-reklamar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' ikel ipproċessat b'kontenut għoli ta' xaħam, zokkor u melħ fuq ix-xandir u l-media diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tiegħu azzjoni leġislattiva biex ttiproteġi s-saħħa ta' dan il-grupp vulnerabbli ta' konsumaturi;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tabbozza linji gwida komprensivi għall-infurzar tal-NHCR online; iqis li dawn il-linji gwida għandhom jiddeskrivu proċeduri u standards ċari għall-monitoraġġ u r-regolamentazzjoni tal-indikazzjonijiet dwar is-saħħa online, filwaqt li jiżguraw il-preċiżjoni u t-trasparenza ta' indikazzjonijiet bħal dawn u jħarsu l-benesseri tal-konsumaturi fi ħdan il-qafas tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali; jindika r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u tal-fornituri tal-pjattaformi online kif stabbilit mill-Att dwar is-Servizzi Diġitali, jiġifieri li jaġixxu kontra t-tixrid ta' kontenut illegali u li jiżguraw it-trasparenza għall-konsumaturi fir-rigward tar-reklamar online;
24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jfasslu pjattaforma li tikkondividi l-aħjar prattiċi fl-infurzar tal-NHCR online u li tinkoraġġixxi l-kollaborazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri;
- - ◦
25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.



**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	29.11.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 70 - : 8 0 : 6
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Catherine Amalric, Mathilde Androuët, Maria Arena, Margrete Auken, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Aurélie Beigneux, Hildegard Bentele, Sergio Berlato, Alexander Bernhuber, Malin Björk, Michael Bloss, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Nathalie Colin-Oesterlé, Corina Crețu, Maria Angela Danzi, Esther de Lange, Christian Doleschal, Bas Eickhout, Cyrus Engerer, Pietro Fiocchi, Emmanouil Fragkos, Hélène Fritzon, Malte Gallée, Gianna Gancia, Andreas Glück, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Anja Hazekamp, Martin Hojsik, Pär Holmgren, Jan Huitema, Adam Jarubas, Karin Karlsbro, Petros Kokkalis, Athanasios Konstantinou, Ewa Kopacz, Joanna Kopcińska, Peter Liese, Sylvia Limmer, Javi López, César Luena, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Fulvio Martusciello, Lydie Massard, Liudas Mažylis, Marina Mesure, Tilly Metz, Silvia Modig, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Grace O’Sullivan, Nikos Papandreou, Jutta Paulus, Francesca Peppucci, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Erik Poulsen, Nicola Procaccini, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Sándor Rónai, Maria Veronica Rossi, Laurence Sailliet, Silvia Sardone, Christine Schneider, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Maria Spyragi, Nils Torvalds, Edina Tóth, Achille Variati, Anders Vistisen, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Tiemo Wölken, Anna Zalewska
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Matteo Adinolfi, João Albuquerque, Stefan Berger, Biljana Borzan, Mercedes Bresso, Milan Brglez, Martin Buschmann, Cristian-Silviu Bușoi, Catherine Chabaud, Asger Christensen, Dacian Cioloș, Christophe Clergeau, Deirdre Clune, Gilbert Collard, Antoni Comín i Oliveres, Rosanna Conte, Beatrice Covassi, Gianantonio Da Re, Ivan David, Margarita de la Pisa Carrión, Anna Deparnay-Grunenberg, Estrella Durá Ferrandis, Giuseppe Ferrandino, Laura Ferrara, Cindy Franssen, Claudia Gamon, Jens Gieseke, Sunčana Glavak, Nicolás González Casares, Robert Hajšel, Martin Häusling, Romana Jerković, Irena Joveva, Radan Kanev, Karol Karski, Billy Kelleher, Ska Keller, Martine Kemp, Ondřej Knotek, Kateřina Konečná, Stelios Kypouropoulos, Danilo Oscar Lancini, Norbert Lins, Marisa Matias, Sara Matthieu, Radka Maxová, Dace Melbārde, Nuno Melo, Marlene Mortler, Dan-Ștefan Motreanu, Ulrike Müller, Dan Nica, Max Orville, Demetris Papadakis, Aldo Patriciello, Piernicola Pedicini, Lídia Pereira, Sirpa Pietikäinen, João Pimenta Lopes, Rovana Plumb, Manuela Ripa, Robert Roos, Marcos Ros Sempere, Massimiliano Salini, Christel Schaldemose, Andrey Slabakov, Vincenzo Sofo, Tomislav Sokol, Susana Solís Pérez, Nicolae Ștefănuță, Annalisa Tardino, Hermann Tertsch, Róża Thun und Hohenstein, Grzegorz Tobiszowski, Marie Toussaint, István Ujhelyi, Inese Vaidere, Idoia Villanueva Ruiz, Nikolaj Villumsen, Sarah Wiener, Jadwiga Wiśniewska
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Laura Ballarín Cereza, Franc Bogovič, Marie Dauchy, Eider Gardiazabal Rubial, Jarosław Kalinowski, Javier Moreno Sánchez,



**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>70</b>	<b>+</b>
NI	Antoni Comín i Oliveres, Maria Angela Danzi, Edina Tóth
PPE	Traian Băsescu, Hildegard Bentele, Alexander Bernhuber, Franc Bogovič, Christian Doleschal, Adam Jarubas, Jarosław Kalinowski, Radan Kanev, Esther de Lange, Peter Liese, Norbert Lins, Marian-Jean Marinescu, Liudas Mažylis, Dolors Montserrat, Ljudmila Novak, Francesca Peppucci, Jessica Polfjård, Massimiliano Salini, Christine Schneider, Maria Spyraiki, Pernille Weiss, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Renew	Pascal Canfin, Andreas Glück, Martin Hojsík, Jan Huitema, Irena Joveva, Karin Karlsbro, Max Orville, Erik Poulsen, Róża Thun und Hohenstein, Nils Torvalds, Michal Wiezik
S&D	João Albuquerque, Maria Arena, Laura Ballarín Cereza, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Cyrus Engerer, Eider Gardiazabal Rubial, Nicolás González Casares, Javi López, César Luena, Javier Moreno Sánchez, Alessandra Moretti, Nikos Papandreou, Sándor Rónai, Thomas Rudner, Achille Variati, Petar Vitanov, Tiemo Wölken
The Left	Malin Björk, Anja Hazekamp, Petros Kokkalis, Marina Mesure, Silvia Modig, Mick Wallace
Verts/ALE	Margrete Auken, Bas Eickhout, Malte Gallée, Pär Holmgren, Lydie Massard, Tilly Metz, Ville Niinistö, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus, Manuela Ripa

<b>8</b>	<b>-</b>
ECR	Sergio Berlato, Pietro Fiocchi
ID	Mathilde Androuët, Rosanna Conte, Marie Dauchy, Gianna Gancia, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone

<b>6</b>	<b>0</b>
ECR	Teuvo Hakkarainen, Joanna Kopcińska, Robert Roos, Alexandr Vondra, Anna Zalewska
Renew	Emma Wiesner

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni